QORTI KRIMINALI

**Onor. Imhallef Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D. Ph.D.**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Elton Cutajar**

**Illum, 6 ta' Mejju, 2024**

Il-Qorti

Rat ir-rikors tar-rikorrent Elton Cutajar fejn ippremetta is-segwenti:- "Jibda billi jinghad illi kif jirrizulta mill-atti processwali fiz-zmien merta tal-proceduri odjerni l-esponenti kien qieghed ibati mill-vizzju tad-droga.

Illi fil-fehma tal-esponenti l-elementi kollha rikjesti mill-artikolu 8 tal-Kap 537 tal-ligijiet ta' Malta jikkonkorru fic-cirkostanzi tal-kaz *de quo* u konsegwentement fl-eventwalita li l-aggravji precedenti jigu skartati din l-Onorabbli qorti ghandha l-fakolta li tikkonverti u tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Drogi.

Illi minn qari ta' dan id-digriet supra citat jirrizulta bl-iktar mod car illi l-ewwel Onorabbli Qorti.

Illi minn qari ta' dan id-digriet supra citat jirrizult abl-iktar mod car illi l-ewwel Onorabbli qorti cahdet it-talba tal-appellant sabiex tikkonverti f'Qorti dwar id-droga a bazi tal-istqarrija rilaxxjata mill-appellant stress nhar id-19 ta' Frar 2013.

Illi bir-rispett kollu din ic-cahda ma setghet qatt issir stante li l-ewwel Onorabbli Qorti stress permezz tas-sentenza appellata ddikjart illi l-istarrija rilaxjata mill-appellant ma kellha jkollha l-ebda piz probabtorju multomagis kemm seghet l-ewwel Onorabbli Qorti tibbaza d-digriet tac-cahda ghat-talba tal-esponenti taht l-artikou 8 tal-kap 537 fuq stqarrija legalment monka.

Illi l-esponenti a bazi ta' din id-decizjoni qajjem din is-sottomissjoni fir-rikors tal-appell tieghu u dina l-Onorabbli Qorti permezz ta' digriet ta' nhar il-5 ta' Settembru, 2023 rriteniet illi:

> *' Minn esami tal-provi prodotti kif tajjebosservat l-ewwel qorti fid-digriet tghha l-appellantkellu dipendenza fuq id-droga Cannabis anke possibilment fiz-zmien meta gew imwetqa r-reati pero madankollu ma hiex sodisfatta li dak li tehtieg il-ligi fil-paragrafu (a) tas-sub artikolu (2) tal-artikolu 2 ( sic) ossia r-reati li jinsab mixli l-appellant huma sostanzjalment attribwibbli ghad-dipendenza pruvata fuq id-droga ta' l istess appellant' ( enfasi tal-esponenti).*

Ill minn tali digriet jirrizulta li dina l-Onorabbli Qorti stress fid-digriet taghha ta' nhar il-5 ta' Settembru, 2023 stante referenza ghad-digriet legalment monk tal-ewwel Onorabbli Qorti.

Illi in segwitu ta' tali digriet l-esponenti ghamel diversi rikorsi sabiex jew jigi revokat tali digriet ta' dina l-Onorabbli Qorti jew ghad-dirittura tressaq provi addizjonali sabiex imbaghad jkun jista jindirizza l-konsiderazzjonijiet tal-ewwel Onorabbli Qorti li waslu ghad-digriet tac-cahda.

Dan kollu huwa relevanti ghal dak li jiddisponi l-artikolu 8 (9) tal-Kapitolu 537 tal-Ligijiet ta' Malta.

(9) m'ghandu jkun hemm l-ebda dritt ta' appell minn decizjoni tal-Qorti li tassumi l-funzjonijiet ta' Qorti dwar id-droga jew li tichad talba sabiex taghmel dan jew minn xi decisjonital-Bord ta ruhabilitazzjoni ta Persuni li Nqabdu bid-droga.

L-esponenti jemmen li dan qieghed isir bi ksur tad-drittijiet fundamentali tieghu hekk kif salvagwardjati taht l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeaja tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

Fid-dawl tas-suespost l-esponenti jaghmel referenza ghas-sentenza tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet **Maresti vs Croatia** decisa nhar il-25 ta' Settembru, 20009 fejn gie ritenuto illi:-

> *The right of access to a court by its very nature calls for regulation by the State and may be subject to limitations. Nevertheless, the limitations applies must nit restrict the access left to the individual in such a way or to such an extent that the very essence of the right is impaired. A limitation will violate the Convention if it does not pursue a legitimate aim and if there is nota reasonable relationship of proportionality between the means employed and the aim sought to be achieved.'*

L-istess gie ritenuto fis-entenza **Krenz vs Poland** deciza nhar id-19 ta' Gunju 2001:-

> Still in that connection the court would finally reiterate that the scrutiny is based on the principle that the Convention is intended to guarantee not rights that are theoretical or illusionay but rights that are practical and effective. This is particularly so of the right of access to the courts in view of the

prominent place held in a domestic society by the right to a fair trial ( See Airey cited above pp 12-1 {24 and Aut Moutab vs France judgment of the 28th October 1998 reports 1998 VIII p 3227 {52).'

Ghaldaqstant a bazi tas-suespost l-esponenti talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex a bazi tal-artikolu 46 (3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll a bazi tal-artikolu 46 (3) tal-Kap 319 tal-ligijiet ta' Malta tirreferi din il-vertenza kostituzzjonali lil Prim Awla tal-Qorti Civili sabiex dak l-Onorabbli l-Qorti taqta' u tiddeciedi jekk il-fatt illi l-Kapitolu 537 tal-ligijiet ta' Malta jipprekludi lill-esponenti milli jappella minn decizjoni taht l-artikolu 8 tal-Kap jiksirx id-drittijiet tieghu a tenur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem kif ukoll tal-artikolu 39 Kostizzjoni jew le u sabiex jinghataw dawk id-direttivi kollha opportuni fir-rigward tal-kwistjoni odjerna.

Rat ir-risposta tal-Avukat Generali prezentata fis-7 ta' Marzu 2024 fejn irrregistra l-oppozizzjoni tieghu ghal tali talba u dan ghas-segwenti ragunijiet:-

Illi l-Avukat Generali sostniet li kull darba li titqajjem kwisjtoni kostituzzjonali quddiem Qorti li ma ghandhiex komptenza Kostituzzjonali dik il-qorti mhiex obbligata taghmel referenza lil Qorti ta' kompetenza Kostituzzjonali izda ghandha diskrezzjoni li ma tirreferix f'kazijiet meta l-kwistjoni tkun wahda sempliciment frivola u vessatorja. Dan qieghed jinghad ghaliex l-artikolu 49 (3) tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta u l-korrispettiv tieghu fil-Kaptiolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta huwa car u jghid is-segwenti:-

> *' jekk f'xi procedura f'xi qrati li ma tkunx il-Prim Awla tal-Qorti Civili jew il-Qorti Kostituzzjonali tqum xi kwistjoni dwar il-ksur ta xi wahda mid-disposizzjonijeit tal-imsemmija artikoli 33 sa 45 ( maghdudin) dik il-qorti ghandha tibghat il-kwistjoni quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili kemm il-darba fil-fehma taghha ttqanqil tal-kwistjoni ma tkunx sempliciment frivola jew vessatorja.'*

Illi effettivament huwa l-ezami stabbilit fis-sub inciz (3) tal-Artikolu 46 tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta u l-korrispettiv tieghu fil-Kapitolu 319 li ghandha taghmel din l-Onorabbli Qorti f'dan l-istadju u cioe jekk dak imqanqal mill-appellant huwiex sempliciment frivolu jew vessatorju. L-esponent huwa tal-fehma li kif ser jintwera hawn taht f'din ir-risposta t-talba tal-appellant hija sempliciment frivola u vessatorja. Fir-rikors tieghu l-appellant qieghed jallega illi l-fatt li l-artikolu 8 (9) tal-Kapitolu 537 tal-ligijiet ta' Malta jippreklude r-rikorrent milli jappella minn decizjoni taht l-artikolu 8 tal-istess Kap dan imur kontra l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

Illi ghandu jinghad illi l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ma tobbligax lil xi stat sabiex jipprovdi ghall-appell f'kull cirkostanza. In fatti wiehed jara pagna 18 tal-Guide on Article 6 of the European Convention on Human Rights. Jara s-segwenti:-

> *Article 6 of the Convention does not compel the Contracting States to set up courts of appeal or of cassation ( Dorado Baulde vs Spain ( Dec 2015 { 18.)*

Fil-fatt fis-sentenza tal -ECHR fl-ismijiet **Dorado Baulde vs Spain** il-Qorti qalet is-segwenti:-

> *"A regards the applicants coplaints under Article 13 in conjunction with Article 6 of the Convention the Court recalls that neither Article 6 of the Convention nor Article 13 guarantees as such a right of appeal or a right to a second level of jurisdiction ( see mutatis mutandis Norhan Yulmez vs Turkey ( no. 2 16741/04 { 21, 8th April 2008 and Gurepka vs Ukraine no 61406/00 [51. 6September 2005.)'*

Kif ukoll inghad hekk fil-kaz **Patrick Mangion vs Avukat General et** deciz mill-Qorti Kostituzzjonali fis-27 ta Jannar 2006: –

> *' l-Artikoli 39 u 6 tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni risepttivament ukoll invokati mill-appellant jirreferu b'mod generali ghad-dritt ta'*

*smeigh xieraq minn qorti jew tribunal imparzjali u indipendenti liema dritt jinkludi id-dritt ta' access effettiv ghal qorti jew tribunal impaarzjali u independenti. In fatti kif gie ritenut fir-rigward ta' l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni.*

*The Court recalls that Article 6 para 1 embodies the right to a court of which the right of access that is the right to institute proceedings before a court in civil matters constitutes one aspect. . However this right is not absolute but may be subject to limtiations, these are permitted by implication since the right of access by its very nature calls for regulation by the State.'*

Illi ghalhekk hwua car il-fatt li l-legislatur iddecieda illi ma jkunx hemm dritt ta' appell minn decizjoni tal-Qorti taht l-artikolu 8 tal-kap 537 tal-Ligijiet ta' Malta dan ma jfissirx illi d-drittjiet tal-appellant b'xi mod qeghdin jigu lezi.

Illi fl-ahhar nett fir-rigward taz-zewg sentenzi kwotati mir-rikorrenti fir-rikors tieghu l-esponent jissottometti illi dawn ma jissostanzjawx l-argument tar-rikorrent u dan ghas-segwenti ragunijiet.

Fil-kaz ta' **<u>Maresti vs Croatia</u>** il-kaz uzat mir-rikorrent jittratta dwar nuqqas ta' access ghal Qorti u l-artikolu li gie allegat li gie miksur f'din l-istess kawza kien is-segwenti; 'in the etermination of ...any criminal charge against him everyone is entitled to a fair hearing ...by (a) ..tribunal...' u mhux rigward drittijiet o meno li tali rikorrenti ghandu sabiex jappella digriet.

Illi ukoll fil-kaz ta' **<u>Krenz vs Poland</u>** il-kaz kien jikkoncerna l-allegazzjoni li access ghal Qorti huwa leziv tad-drittijeit ta' Kreuz minhabba l-fatt li kienu ghaljin wisq l-ispejjez tal-Qorti u infatti l-qorti Ewropeja irrimarkat illi:-
*'The applicant alleged in particular, that is right of access to a court, guaranteed by Article 6{1 of the Convention had been violated because th excessive amount of court fees required of him*

*for lodging his claim for damages prevente him from submitting that claim to the courts'* u ghalhekk din il-gurisprudenza ma tghix xejn rigward drittijiet o meno li tali rikorrent ghandu sabiex jappella digriet.

Ghalhekk u fid-dawl tas-suespost l-esponenti issottometta illi it-talba hekk kif dedotta mill-appellant fir-rikors tieghu m'ghandhiex tigi akkolta minn din l-Onorabbli Qorti u ghandha tigi dikjarata bhala wahda frivola u vessatorja u intiza biss tittanta tistagna l-process kriminali.

Semghet il-partijiet jirrimettu ruhhom ghall-atti processwali nhar it-13 ta' Marzu, 2024.

Rat id-digriet taghha tas-26 ta' Marzu, 2024 fejn talbet il-partijiet jindikaw lill-Qorti permezz ta' nota appozita taht liema dispozizzjoni tal-ligi huwa ntavolaw ir-rikors u r-risposta taghha rispettivament.

**Ikkunsidrat,**

Permezz tat-talba tieghu r-rikorrent qed jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex taghmel referenza kostituzzjonali. Primarjament, din il-Qorti tghid illi f'kazijiet li jinkludu vertenzi ta' natura kostituzzjonali, il-poteri taghha huma limitati bil-Kostituzzjoni ta' Malta. L-Artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni jistipula s-segwenti:

> *'Jekk f'xi proċeduri f'xi qorti li ma tkunx il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili jew il-Qorti Kostituzzjonali tqum xi kwistjoni dwar il-ksur ta' xi waħda mid-disposizzjonijiet tal-imsemmija artikoli 33 sa 45 (magħdudin), dik il-qorti għandha tibgħat il-kwistjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili kemm-il darba fil-fehma tagħha t-tqanqil tal-kwistjoni ma tkunx sempliċement frivola jew vessatorja; u dik il-qorti għandha tagħti d-deċiżjoni tagħha fuq kull kwistjoni mibgħuta quddiemha skont dan is-subartikolu u, bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (4) ta' dan*

*l-artikolu, il-qorti li quddiemha tkun qamet il-kwistjoni għandha tiddisponi mill-kwistjoni skont dik id-deċiżjoni'*

**Din il-Qorti mhux imsejjha sabiex tiddeciedi fuq jekk hemmx ksur ta' drittijiet tal-akkuzat hi stess u lanqas m'hi kompetenti sabiex taghmel dan.** Ghalhekk kull ma trid taghmel din il-Qorti hu li tiddetermina jekk fil-fhema taghha tali talba hix frivola jew vessatorja. Jekk din il-Qorti hi tal-fhema illi tali talba hija prima facie frivola jew vessatorja, allura ghandha tichad it-talba tal-akkuzat. Madankollu, jekk din il-Qorti hija tal-fhema illi t-talba mressqa prima facie mhux frivola jew vessatorja, allura ghandha taccetta t-talba tal-akkuzat u sussegwentament tordna referenza kostituzzjonali.

Is-sentenza fl-ismijiet **'Alan Mifsud et versus L-Avukat Ġenerali et'**, il-Qorti rriteniet is-segwenti:

> '"*frivola*" *riferibbilment għall-kwistjoni Kostituzzjonali li tiġi sollevata quddiem xi qorti - barra l-Qorti Kostituzzjonali jew il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili - tfisser li dik il-kwistjoni hija, ta' ebda preġju jew valur, vana, nieqsa mis-serjeta' manifestament nieqsa mis-sens, li ma jistħoqqilhiex attenzjoni; waqt li "vessatorja" tfisser li l-kwistjoni ġiet sollevata mingħajr raġunijiet sufficjenti u b-iskop li ddejjaq u tirrita lill-kontroparti;*'

Inghad li d-dritt ta access ghal Qorti gie definit fis-sentenza **Golder v. the United Kingdom**, 1975, §§ 28-36 kif ukoll ricetenement fis-sentenza **Grzęda v. Poland** [GC], 2022, §§ 342-343. Jinghad ukoll b'zieda li d-dritt ghal smiegh xieraq kif garantit mill-Artikolu 6 § 1, jesigi li l-partijiet tal-kawza ghandhom ikollhom rimedju effettiv biex igieghlhom jasserixxi d-drittijiet taghhom (Naït-Liman v. Switzerland [GC], 2018, § 112; Běleš and Others v. the Czech Republic, 2002, § 49. Ghalhekk id-dritt ghal Qorti ifisser li hu dritt li bniedem ghandu sabiex jaserixxi id-drittijiet tieghu pero ma jfissirx li ghandu dritt awtomatiku ghal dritt ta' appell minn xi digriet jew sentenza. Din hi materja li ghandha tigi diskussa fil-fora dometika tal-pajjiz. L-konvenzjoni Ewropeja

titkellem fuq id-dritt ta' access ghal Qorti u mhux id-dritt li bniedem ikollu li jintavola appell minn decizjoni li ma tghogbux. Jigi mfakkar li d-dritt ghal Qorti u d-dritt ghall access m'humiex drittijiet assoluti. Jistghu jkunu soggetti ghal limitazzjonijiet izda dawn m'ghandhomx jirristringu jew jirriducu l-access imholli lejn l-individwu li jippregudikaw id-dritt ta dak li jkun. (**Stanev v. Bulgaria** [GC], 2012, § 229; **Baka v. Hungary** [GC], 2016, § 120; **Naït-Liman v. Switzerland** [GC], 2018, § 113; **Philis v. Greece** (no. 1), 1991, § 59; **De Geouffre de la Pradelle v. France,** 1992, § 28).

Minn imkienma jirrizulta li l-Konvenzjoni Ewropeja jew is-sentenza ta' Strasburgu jesigu li jkun hemm dritt ta' appell minn digriet tal-Qorti.

Din il-Qorti jidrilha illi prima facie t-talba tar-rikorrent hija kemm frivola kif ukoll vessatorja u ghalhekk qedgha tigi **michuda .**

**Dr Consuelo Scerri Herrera**

**Onor Imhallef**

**Maria Grech**

**Deputat Registratur**